**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs.**

**Charlotte Zammit**

Numru 412/2019

Illum 16 ta' Lulju 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Charlotte Zammit,** ta' sebgha u tletin (37) sena, bint Carmelo u Andreana neé Grima, imwieleda tal-Pietà nhar il-15 ta' Jannar 1982, residenti 166, Triq Sammat, Hal-Tarxien, detentrici tal-Karta tal-Identita Maltija bin-Numru 86882(M)

akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin mill-istess Charlotte Zammit, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioé, flimkien ma' persuna ohra:

1. fil-lejl ta' bejn is-16 ta' Mejju 2019 u s-17 ta' Mejju 2019 ikkommettiet serq minn go Grech & Ellul Patrol Station, Vjal Sir Paul Boffa, Rahal Gdid ghad-detriment ta' Yani Ellul u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin;

2. fil-lejl ta' bejn il-21 ta' Mejju 2019 u t-22 ta' Mejju 2019 ikkommettiet serq minn gewwa Hompesch Petrol Station, gewwa Triq il-Mina ta' Hompesch, Haz-Zabbar ghad-detriment ta' Vincent Grixtil u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin;

3. fil-lejl ta' bejn it-2 ta' Lulju 2019 u t-3 ta' Lulju 2019 ikkommettiet serq minn gewwa Pitstop Petrol Station, gewwa Triq l-Imdina, Hat-Attard ghad-detriment ta' Claudia Barbara u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassret, jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamlet hsara, liema hsara ma jkunx tiskorri l-elfejn u hames mitt Euro (€2,500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Euro (€250);

5. fil-lejl ta' bejn it-3 ta' Lulju 2019 u l-4 ta' Lulju 2019 ikkommettiet serq minn gewwa Gaffarena Fuel Station, li tinsab fi Triq Hal-Luqa, Hal-Qormi ghad-detriment ta' Johann Gaffarena u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassret, jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamlet hsara, liema hsara ma jkunx tiskorri l-elfejn u hames mitt Euro (€2,500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Euro (€250);

7. fil-lejl ta' bejn it- 8 ta' Lulju 2019 u d-9 ta' Lulju 2019 ikkommettiet serq minn gewwa Mc Queens Petrol Station, li tinsab fi Triq Burmarrrad, San Pawl il-Bahar ghad-detriment ta' Joseph Attard u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin;

8. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassret, jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamlet hsara, liema hsara ma jkunx tiskorri l-elfejn u hames mitt Euro (€2,500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Euro (€250);

9. f' Lulju 2019 minn gewwa Pompa tal-Petrol gewwa l-Mellieha u f'dawn il-Gzejjer ikkommettiet serq, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin;

10. fl-istess lok, hin u cirkostanzi kkommettiet reat waqt li kienet taht Ordni ta' *Probation*, liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. nhar il-11 ta' Settembru 2016 ghal tliet snin, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula *ai temini* ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi saret recidiva *ai termini* ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tal-10 ta' Lulju 2019, lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u semghetha tikkonferma l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghtha zmien ragonevoli tikkunsidra l-pozizzjoni taghha, u dana wara li l-imputata nfurmat lill-Qorti li z-zmien li nghatat sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni ta' htija taghha f'dawn il-proceduri kien zmien bizzejjed.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata ghall-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dawn ghalhekk gew kollha kemm huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata, l-ammissjoni bikrija taghha, il-fedina penali tal-imputata (Dok. "RA 2" – *a fol.* 9) u kif ukoll il-fatt li fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2019 id-difiza gharfet li l-imputata ghandha bzonn l-ghajnuna, fosthom li ssegwi program sabiex teghleb il-vizzju taghha tad-droga.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat

Artikoli 17(h), 18, 49, 50, 261(b), 261(f), 263, 270 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

u

Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta,

fuq ammissjoni, issib lill-imputata Charlotte Zammit hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal perijodu ta' tletin (30) xahar prigunerija.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex minhabba l-problema ta' droga li ghandha l-imputata, l-istess imputata tinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex tkun tista' tibda, issegwi u tispicca programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Minhabba f'hekk, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Finalment, il-Qorti tordna li, *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**